# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

30 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawża C-388/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Bundessozialgericht (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' April 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Ottubru 2009, fil-proċedura

**Joao Filipe da Silva Martins**

vs

**Bank Betriebskrankenkasse-Pflegekasse,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, U. Lõhmus, A. Ó Caoimh (Relatur) u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. da Silva Martins, minn G. Krutzki, avukat,

— għal Bank Betriebskrankenkasse Pflegekasse, minn T. Henz, avukat, u S. Klein,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u C. Blaschke, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u E. Silveira, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn H. Walker, bħala aġent, assistita minn T. Ward, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Kreuschitz, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2011,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 27 u 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1386/2001, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Ġunju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 4, p. 129, iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 1408/71"), u tal-Artikoli 39 KE u 42 KE.

2 Din it-talba saret fil-kuntest ta' kawża bejn J. da Silva Martins u l-Bank Betriebskrankenkasse-Pflegekasse (iktar 'il quddiem il-"Bank BKK"), dwar l-affiljazzjoni b'għażla kontinwata ta' J. Da Silva Martins fl-assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża kif ukoll id-dritt għal allowance ta' dipendenza Ġermaniża.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Ir-Regolament Nru 1408/71 ġie adottat skont l-Artikolu 51 tat-Trattat KEE (li sar Artikolu 51 tat-Trattat KE, li, wara emenda, sar Artikolu 42 KE, u issa Artikolu 48 TFUE).

4 Kif stipulat fit-tieni u fir-raba' premessi tar-Regolament Nru 1408/71, l-għan tiegħu huwa li jiggarantixxi l-moviment liberu tal-impjegati u tal-persuni li jaħdmu għal rashom fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġu osservati l-karatteristiċi speċjali tal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali nazzjonali.

5 Għaldaqstant, kif jirriżulta mill-ħames, is-sitt u l-għaxar premessi tal-imsemmi regolament, dan għandu bħala prinċipju l-ugwaljanza fit-trattament tal-ħaddiema fid-dawl tal-liġijiet nazzjonali differenti u huwa intiż sabiex jiggarantixxi bl-aħjar mod it-trattament ugwali tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll sabiex ma jippenalizzax il-ħaddiema li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu.

6 Sabiex tevita l-akkumulazzjoni ta' liġijiet nazzjonali applikabbli u l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minn hekk, it-tmien premessa tar-Regolament Nru 1408/71 tispeċifika li d-dispożizzjonijiet tal-istess regolament huma intiżi li jwasslu sabiex il-persuni kkonċernati jkunu, bħala regola, suġġetti għall-iskema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss.

7 Id-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament Nru 1408/71 jinsabu fl-Artikoli 1 u 12 tat-Titolu I tiegħu.

8 L-Artikolu 1 ta’ dan ir-regolament jipprovdi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta’ dan tal-aħħar:

“a) ‘persuna impjegata’ u ‘persuna li taħdem għal rasha’ jfissru rispettivament:

i) kull persuna li hija assigurata, mingħajr għażla jew fuq bażi volontarja kontinwa, għal kontinġenza waħda jew aktar koperti minn fergħat ta’ skema ta’ sigurtà soċjali għal persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom jew bi skema speċjali għal persuni fis-servizz ċivili;

[...]

h) ‘residenza’ tfisser il-post abitwali ta’ residenza;

[...]

o) ‘istituzzjoni kompetenti’ tfisser

i) l-istituzzjoni li magħha l-persuna interessata tkun assigurata fiż-żmien ta’ l-applikazzjoni għall-benefiċċju,

jew

ii) l-istituzzjoni li mingħandha l-persuna interessata hija intitolata jew tkun intitolata għall-benefiċċji jekk hija jew il-membru/i tal-familja tagħha kienu residenti fit-territorju ta’ l-Istat Membru li fih tinsab l-istituzzjoni,

[...];

p) ‘istituzzjoni tal-post tar-residenza’ u ‘istituzzjoni tal-post tal-waqfa’ ifissru rispettivament l-istituzzjoni li hija kompetenti li tipprovdi l-benefiċċji fil-post fejn il-persuna interessata tirrisjiedi u l-istituzzjoni li hija kompetenti li tipprovdi l-benefiċċji fil-post fejn il-persuna interessata tkun waqfet, skond il-leġislazzjoni amministrata minn din l-istituzjoni jew, fejn ma tiżistix istituzzjoni bħal din, l-istituzzjoni nominata mill-awtorità kompetenti ta’ l-Istat Membru involut;

q) ‘Stat kompetenti’ jfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-istituzzjoni kompetenti;

[...]

t) ‘benefiċċji’ u ‘pensjonijiet’ ifissru l-benefiċċji u l-pensjonijiet kollha, inklużi l-elementi kollha tagħhom imħallsa mill-fondi pubbliċi, iż-żidiet tar-rivalwazzjoni u r-rimunerazzjonijiet supplimentari, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu III, kif ukoll benefiċċji f’somma waħda ta’ flus li jistgħu jitħallsu minflok il-pensjonijiet magħmula bħala rimborż tal-kontribuzzjonijiet;

[...]”

9 L-Artikolu 2(1) tar-regolament imsemmi jipprovdi li dan tal-aħħar japplika b’mod partikolari għall-persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom residenti fit-territorju ta’ wieħed mill-Istati Membri.

10 L-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi:

“Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha rigward il-friegħi tas-sigurtà soċjali li ġejjin:

a) benefiċċji tal-mard u tal-maternità;

b) benefiċċji ta' l-invalidità, [...];

c) benefiċċji tax-xjuħija;

[...]

h) benefiċċji familjari/tal-familja."

11 L-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament intitolat "Dħul f'assigurazzjoni volontarja jew b'għażla ssoktata", fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru li jagħmlu ammissjoni [affiljazzjoni f'assigurazzjoni] għal sigurtà volontarja jew b'għażla kontinwata kondizzjonata fuq ir-residenza fit-territorju ta' dak l-Istat ma tkunx tapplika għall-persuni residenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, basta li f'xi żmien fil-ħajja passata tax-xogħol tagħhom huma kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' l-ewwel Stat bħala persuni impjegati jew jaħdmu għal rashom."

12 L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1408/71 intitolat "Prevenzjoni ta' benefiċċji mtennija" fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi:

"Dan ir-Regolament la jista' jagħti u lanqas jista' jissokta d-dritt għal numru ta' benefiċċji ta' l-istes tip u kwalità għal perijodu ta' żmien wieħed u l-istess ta' assigurazzjoni obbligatorja. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-benefiċċji rigward invalidità, xjuħija, imwiet (pensjonijiet) jew mard kawżat mix-xogħol li jiġu konċessi mill-istituzzjonijiet ta' żewġ Stati Membri jew iktar, bi qbil ma' l-Artikolu 41, l-Artikolu 43(2) u (3), l-Artikoli 46, 50 u 51 jew l-Artikolu 60 (1)(b)."

13 Taħt it-Titolu II ta' dan ir-regolament, intitolat "Determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli", l-Artikolu 13, intitolat "Regoli ġenerali" jipprovdi:

"1. Soġġetti [Bla ħsara] għall-Artikolu 14(ċ) u 14(f), persuni li għalihom jgħodd dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss. Dik il-leġislazzjoni għandha tiġi stabbilita skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Soġġetta [Bla ħsara] għall-Artikoli 14 sa 17:

a) persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed għandha tkun soġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat, [...]

[...]

f) persuna li għaliha tispiċċa li tkun valida il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, mingħajr ma ssir applikabbli għaliha leġislazzjoni ta' Stat ieħor skond waħda mir-regoli stipulata fis-sottoparagrafi li għaddew jew skond waħda mill-eċċezzjonijiet jew dispożizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikoli 14 u 17 tkun suġġetta għal leġislazzjoni ta' l Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tabita skond id-dispożizzjonijiet ta' dik il-leġislazzjoni biss."

14 Taħt dan l-istess titolu, l-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament, intitolat "Regoli rigward assigurazzjoni volontarja jew assigurazzjoni b'għażla ssoktata", jipprovdi:

"1. L-Artikolu 13 sa 14d ma japplikawx għas-sigurtà [għall-assigurazzjoni] voluntarja jew għas-sigurtà [għall-assigurazzjoni] b'għażla kontinwata kemm-il darba, fejn tidħol waħda mill-friegħi li għalihom saret riferenza fl-Artikolu 4, teżisti f'xi Stat Membru skema ta' sigurtà [assigurazzjoni] voluntarja biss.

2. Fejn l-applikazzjoni tal-leġislazzjonijiet ta' tnejn jew iktar Stati Membri tinvolvi aktar minn assigurazzjoni waħda:

— taħt skema ta' assigurazzjoni bilfors u waħda jew iktar voluntarji jew skema ta' assigurazzjoni b'għażla kontinwata, il-persuna kkonċernata tkun suġġetta esklussivament għall-iskema ta' assigurazzjoni ta' bilfors,

[...]

3. Madankollu, fejn jidħlu l-invalidità, ix-xjuħija u l-mewt (Pensjonijiet), il-persuna kkonċernata tista' tingħaqad ma' skema ta' assigurazzjoni voluntarja jew b'għażla kontinwata ta' Stat Membru, anke jekk hija bilfors suġġetta għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru ieħor, anke jekk tali tagħqid fl-assigurazzjoni huwa espliċitament u impliċitament ammess fl-ewwel Stat Membru."

15 Kif jirriżulta mit-titolu tiegħu, it-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71 jirrigwarda dispożizzjonijiet partikolari għal diversi kategoriji ta' benefiċċji. L-ewwel Kapitolu ta' dan it-Titolu huwa intitolat "Mard u maternità".

16 Taħt it-Taqsima 2 ta' dan l-imsemmi l-ewwel Kapitolu, intitolata "Il-ħaddiema u l-membri tal-familja tagħhom", l-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament, intitolat "Residenza fi Stat Membru għajr l-Istat kompetenti – Regoli ġenerali" fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi:

"1. Ħaddiem [impjegat jew li jaħdem għal rasu] li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat kompetenti, illi jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta'

l-Istat kompetenti biex ikun intitolat għall-benefiċċji [...] għandu jirċievi fl-Istat fejn huwa residenti:

a) il-benefiċċji f'oġġetti pprovduti fl-interess ta' l-istituzzjoni kompetenti mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza bi qbil mal-leġislazzjoni amministrata minn din l-istituzzjoni daqs li kieku kien assigurat magħha;

b) il-benefiċċji fi flus ipprovduti mill-istituzzjoni kompetenti bi qbil mal-leġislazzjoni li tamministra. [...]"

17 Taħt it-Taqsima 5 ta' dan l-imsemmi l-ewwel Kapitolu, intitolata "Il-pensjonanti u l-membri tal-familja tagħhom", l-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-pensjonijiet li jridu jitħallsu skond il-leġislazzjoni ta' numru ta' Stati fejn id-dritt għall-benefiċċji f'oġġetti jitgawda fil-pajjiż tar-residenza" jipprovdi kif ġej:

"Pensjonant li huwa intitolat biex jiġbed il-pensjoni taħt il-leġislazzjoni ta' tnejn jew iktar Stati Membri, li minnhom waħda hija dik ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jabita, u li huwa intitolat għall-benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-aħħar [...], jirċievi, tali benefiċċji mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza u aspejjeż ta' dik l-istituzzjoni bħallikieku l-persuna kkonċernata kienet pensjonant li l-pensjoni tiegħu kienet pagabbli biss taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-aħħar."

18 L-Artikolu 28(1) tal-imsemmi regolament, taħt l-istess Taqsima 5 u intitolat "Pensjonijiet pagabbli taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat jew iktar, f'każijiet fejn m'hemm ebda dritt għall-benefiċċji fil-pajjiż tar-residenza", jipprovdi:

"1. Pensjonant li huwa intitolat għall-pensjoni taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew għall-pensjonijiet taħt il-leġislazzjoni ta' tnejn jew iktar Stati Membri u li huwa [mhuwiex] intitolat għall-benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorji tiegħu huwa jabita xorta jirċievi tali benefiċċji [...] dment li huwa jkun

intitolat, taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru jew għallinqas ta' wieħed mill-Istati Membri kompetenti fejn jidħlu l-pensjonijiet kemm-il darba huwa kien jabita fit-territorju ta' tali Stat. Il-benefiċċji jkunu pprovduti taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) il-benefiċċji b'xi mod [*in natura*] ikunu pprovduti f'isem l-istituzzjoni li għaliha saret riferenza fil-paragrafu 2 mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza bħallikieku l-persuna kkonċernata kienet pensjonant taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu huwa jabita u kien intitolat għal tali benefiċċji;

b) il-benefiċċji fi flus, fejn suppost, ikunu pprovduti mill-istituzzjoni kompetenti kif iddeterminat mir-regoli tal-paragrafu 2, skond il-leġislazzjoni li hija tamministra. Madankollu, bi ftehim bejn l-istituzzjoni kompetenti u l-istituzzjoni tal-post tar-residenza, tali benefiċċji jistgħu jkunu pprovduti mill-istituzzjoni ta' l-aħħar f'isem ta' l-ewwel, skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti."

*Il-leġiżlazzjoni Ġermaniża*

19 L-Artikolu 3(1) tal-Ktieb IV tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali (Sozialgesetzbuch IV) jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet dwar l-obbligu ta' assigurazzjoni u dwar id-dritt ta' assigurazzjoni huma applikabbli,

1. sa fejn dawn jippreżupponu attività ta' impjieg jew attività indipendenti, għall-persuni kollha li jeżerċitaw xi waħda minn dawn l-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kodiċi,

2. sa fejn dawn ma humiex suġġetti għall-eżerċizzju ta' attività ta' impjieg jew attività indipendenti, għall-persuni kollha li d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom tinsab fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-kodiċi."

20 L-Artikolu 26 tal-Ktieb XI tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali (Sozialgesetzbuch XI, iktar 'il quddiem is-"SGB XI"), intitolat "Assigurazzjoni kontinwata", jipprovdi kif ġej:

"(1) Il-persuni li ma jibqgħux suġġetti għal skema ta' assigurazzjoni obbligatorja [...] u li kienu assigurati għal tal-inqas 24 xahar matul ħames snin jew għat-tnax-il xahar ta' qabel it-tmiem tal-affiljazzjoni jistgħu jżommu l-affiljazzjoni tagħhom mal-assigurazzjoni għad-dipendenza bħala assigurazzjoni kontinwata, ħlief jekk huma jkunu suġġetti għal skema ta' assigurazzjoni obbligatorja taħt l-Artikolu 23(1) [...] It-talba trid tiġi mressqa quddiem il-fond tal-assigurazzjoni għad-dipendenza kompetenti fi żmien tliet xhur mit-tmiem tal-affiljazzjoni għas-sitwazzjonijiet deskritti fl-ewwel sentenza [...].

2) Il-persuni li, minħabba li jittrasferixxu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fl-esteru, ma jibqgħux suġġetti għall-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja, jistgħu jitolbu li jkunu affiljati taħt l-assigurazzjoni kontinwata. It-talba għandha tasal għand il-fond tal-assigurazzjoni li magħha kienet imsieħba l-persuna li tagħmel it-talba mhux iktar tard minn xahar wara t-tmiem tal-assigurazzjoni obbligatorja. [...]"

21 L-Artikolu 34(1) tas-SGB XI jipprovdi, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet dwar residenza temporanja, li d-dritt għall-benefiċċji huwa sospiż meta l-assigurat jinsab fl-esteru.

*Il-leġiżlazzjoni Portugiża*

22 Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, pensjonant fil-Portugal li jinsab f'sitwazzjoni ta' dipendenza huwa, bħala regola, intitolat għall-benefiċċju ta' servizzi soċjali bħal, b'mod partikolari, benefiċċji tal-assigurazzjoni għall-mard, fil-kuntest ta' sistema ffinanzjata minn kontribuzzjoni soċjali meħuda mid-dħul gross. Madankollu, huwa ma jkollux dritt għal allowance ta' dipendenza fil-Portugal, peress li s-sistema tas-sigurtà soċjali Portugiża ma tipprovdix benefiċċji speċifiċi intiżi sabiex ikopru dan ir-riskju. Il-benefiċċji ta' għajnuna lil persuni dipendenti huma, barra minn hekk, ipprovduti taħt il-forma ta' benefiċċji *in natura* fil-kuntest tas-servizzi soċjali u tal-assigurazzjoni għall-mard. F'każ ta' sitwazzjoni ta' dipendenza fit-tul, is-sistema Portugiża tipprovdi l-possibbiltà ta' żieda fil-pensjoni ta' invalidità.

23 Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Portugiż jippreċiża li d-dritt Portugiż ma jipprovdix benefiċċji speċifiċi għal sitwazzjonijiet ta' dipendenza. Is-servizz tas-saħħa nazzjonali ma jiddependix fuq kundizzjonijiet ta' assigurazzjoni u l-benefiċċji fi flus koperti b'dan is-servizz ma kinux imfassla sabiex japplikaw għal tali sitwazzjonijiet. Madankollu, il-pensjonanti, morda jew superstiti f'sitwazzjoni ta' dipendenza jistgħu jibbenefikaw, taħt il-liġi Portugiża, minn suppliment fil-pensjoni skont il-grad ta' dipendenza.

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

24 J. da Silva Martins, imwieled fl-1935, huwa ċittadin Portugiż. Wara li ħadem għal perijodu qasir fil-Portugal, huwa stabbilixxa ruħu u ħadem fil-Ġermanja. Huwa kien affiljat mal-Bank BKK sa mill-1974 għall-assigurazzjoni għall-mard u għall-assigurazzjoni għad-dipendenza minn meta din ġiet introdotta fil-Ġermanja fix-xahar ta' Jannar 1995. Mix-xahar ta' Settembru 1996, huwa beda jirċievi pensjoni ta' rtirar Ġermaniża ta' madwar EUR 700, li magħha bdiet tiżdied, mix-xahar ta' Mejju 2000, pensjoni ta' rtirar Portugiża ta' madwar EUR 150.

25 Meta beda jirċievi l-pensjoni ta' rtirar fil-Ġermanja, J. da Silva Martins kien affiljat fil-Krankenversicherung der Rentner (fond ta' assigurazzjoni għall-mard tal-pensjonanti). Mix-xahar ta' Awwissu 2001, il-Bank BKK tah benefiċċji ta' dipendenza *in natura*. Minħabba żjara fil-Portugal f'nofs Diċembru 2001, li inizjalment kienet murija bħala waħda provviżorja, il-Bank BKK ta lil J. da Silva Martins, permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2002, allowance ta' dipendenza ta' EUR 205, mill-1 ta' Jannar 2002, u ħallasha sal-31 ta' Diċembru 2002.

26 Meta l-Bank BKK induna li J. da Silva Martins kien għamel dikjarazzjoni ta' tluq definittiv mill-Ġermanja, b'effett mill-31 ta' Lulju 2002, dan, permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Frar 2003, itterminalu l-affiljazzjoni tiegħu b'effett mill-31 ta' Lulju 2002. Permezz ta' deċiżjoni oħra tat-12 ta' Frar 2003, talab mingħandu r-rimbors tal-allowance ta' dipendenza mħallsa bejn Awwissu u Diċembru 2002, fl-ammont ta' EUR 1 025. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2004, huwa ċaħad bħala infondata l-kontestazzjoni magħmula minn J. da Silva Martins.

27 Is-Sozialgericht Frankfurt am Main laqgħet ir-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni. Filwaqt li annullat id-deċiżjonijiet ikkontestati, hija kkonstatat li, taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata, J. da Silva Martins kien għadu affiljat mal-Bank BKK, li, konsegwentement, kellu jibqa' jagħtih l-allowance ta' dipendenza fl-ammont stipulat fil-liġi, anki wara l-1 ta' Jannar 2003.

28 Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, il-Hessisches Landessozialgericht ċaħdet l-appell ippreżentat mill-Bank BKK f'dak li kien jirrigwarda r-rimbors tal-allowance ta' dipendenza. Min-naħa l-oħra, din l-imsemmija qorti rriformat is-sentenza tas-Sozialgericht Frankfurt am Main u ċaħdet ir-rikors minħabba li affiljazzjoni taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata, skont l-Artikolu 26(1) tas-SGB XI, kienet eskluża peress li t-talba meħtieġa għal dan l-għan ma kinitx ġiet ippreżentata fit-terminu previst minn din id-dispożizzjoni.

29 F'rikors għal "Reviżjoni" quddiem il-Bundessozialgericht, J. da Silva Martins invoka ksur tal-Artikoli 18 KE, 39 KE u 42 KE kif ukoll ksur tal-Artikoli 19, 27 u 28 tar-Regolament Nru 1408/71. Fl-opinjoni tiegħu, għandu jkun possibbli li jiġu esportati benefiċċji tal-assigurazzjoni għad-dipendenza f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea u dan, b'mod partikolari, għaliex bħal f'dan il-każ, il-kopertura kienet iffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet tiegħu stess u ma kienx hemm benefiċċji simili fil-pajjiżi tal-oriġini tiegħu, il-Portugal.

30 Il-Bundessozialgericht ikkunsidrat li, kuntrarjament għall-opinjoni tal-Hessisches Landessozialgericht, bħala regola, id-dritt Ġermaniż, kien jippermetti lil J. da Silva Martins iżomm affiljazzjoni mal-assigurazzjoni għad-dipenendenza tal-Bank BKK taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata għall-perijodu li beda fl-1 ta' Awwissu 2002.

31 Madankollu, il-Bundessozialgericht tqis essenzjalment li, *a priori*, il-benefiċċji ta' dipendenza jaqgħu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msejħa "Molenaar", li toħroġ mis-sentenza tal-5 ta' Marzu 1998, Molenaar (C-160/96, Ġabra p. I-843, punti 22 sa 25), fil-kamp tal-applikazzjoni tal-assigurazzjoni għall-mard, peress li r-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet stipulati fir-Regolament Nru 1408/71 jipprekludu ż-żamma ta' affiljazzjoni ta' J. da Silva Martins f'assigurazzjoni għad-dipendenza fil-Ġermanja. Fil-fatt, minn naħa waħda, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 jeskludu l-affiljazzjoni tiegħu b'mod obbligatorja bl-assigurazzjoni għad-dipendenza mid-data tat-trasferiment definittiv tad-domiċilju tiegħu fil-Portugal. Min-naħa l-oħra, minkejja l-pożizzjoni tal-leġiżlatur Ġermaniż, l-Artikolu 15(2)

ta' dan ir-regolament jipprekludi ż-żamma ta' affiljazzjoni f'assigurazzjoni għad-dipendenza taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata.

32 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl tal-Artikolu 42 KE, l-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 jistax jiġi interpretat bħala li japplika għal każijiet bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'mod li jippermetti lil J. da Silva Martins jibbenefika mill-allowance ta' dipendenza Ġermaniża fil-Portugal jew, għall-kuntrarju, kif jallega l-Bank BKK, skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, jistax jitlob biss benefiċċji ta' assigurazzjoni għall-mard previsti mid-dritt Portugiż, peress li l-allowance ta' dipendenza Ġermaniż kienet taqa', skont il-ġurisprudenza Molennar, taħt l-"assigurazzjoni għall-mard" fis-sens tal-imsemmi regolament.

33 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar kif l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, b'mod partikolari l-Artikoli 27 u 28 tiegħu, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-kopertura awtonoma tad-dipendenza li teżisti f'xi Stati Membri, pereżempju fil-Ġermanja, iżda mhux f'oħrajn, bħall-Portugal.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Budessozialgericht iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domanda preliminari:

"Huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju primarju u/jew sekondarju tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-moviment liberu u tas-sigurtà soċjali ta' ħaddiema migranti (b'mod partikolari l-Artikoli 39 [KE] u 42 KE, kif ukoll l-Artikoli 27 u 28 tar-Regolament Nru 1408/71) li ex ħaddiem li jirċievi pensjoni kemm mill-Istat ta' oriġini kif ukoll mill-ex Stat ta' impjieg u li, minħabba bżonn ta' assistenza [l-istat ta' dipendenza tiegħu], ikun kiseb allowance għall-kura [allowance ta' dipendenza] fl-ex Stat ta' impjieg, jitlef dan id-dritt wara li jirritorna fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu?"

## Fuq id-domanda preliminari

35 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regolament Nru 1408/71, b'mod partikolari l-Artikoli 27 u 28 tiegħu, u, jekk ikun il-każ, l-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE, jipprekludux illi persuna f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, li tirċievi pensjoni ta' rtirar mill-fond tal-assigurazzjoni tal-pensjonijiet kemm tal-Istat Membru tal-oriġini tagħha kif ukoll minn ta' dak li fih hija qattgħet il-parti l-kbira tal-ħajja professjonali tagħha, u li telqet minn dan l-aħħar Stat Membru għall-Istat Membru tal-oriġini tagħha, tista', minħabba affiljazzjoni b'għażla kontinwata fi skema ta' assigurazzjoni għad-dipendenza fl-Istat Membru li fih hija qattgħet il-parti l-kbira tal-ħajja professjonali tagħha, tkompli tirċievi benefiċċju fi flus li ġej minn din l-affiljazzjoni, b'mod partikolari fil-każ fejn fl-Istat Membru ta' residenza ma jeżistux benefiċċji fir-rigward tar-riskju speċifiku tad-dipendenza.

36 Essenzjalment, il-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni jaqblu mal-argument sostnut minn J. da Silva Martins, jiġifieri l-ħlas fl-Istat Membru tal-oriġini tiegħu, fejn huwa qed jerġa' jirrisjedi mill-ġdid, ta' benefiċċju ta' dipendenza taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru l-ieħor ikkonċernat. Il-Bank BKK, il-Gvern Ġermaniż u dak Ċek kif ukoll dak tar-Renju Unit isostnu, min-naħa tagħhom, il-pożizzjoni kuntrarja.

*Osservazzjonijiet preliminari*

37 Għandu jitfakkar l-ewwel nett li persuni intitolati għal pensjoni skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iżjed, anki jekk ma jeżerċitawx attività professjonali, bis-saħħa tal-affiljazzjoni tagħhom fi skema ta' sigurtà soċjali, jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 dwar il-ħaddiema, sakemm ma jkunux suġġetti għal dispożizzjonijiet partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 1998,

Kulzer, C-194/96, Ġabra p. I-895, punt 24, u tat-18 ta' Diċembru 2007, Habelt *et*, C-396/05, C-419/05 u C-450/05, Ġabra p. I-11895, punt 57).

38 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, benefiċċju jista' jiġi kkunsidrat bħala benefiċċju ta' sigurtà soċjali fil-każ fejn huwa konċess, indipendentement minn kull evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, lill-benefiċjarji fuq il-bażi ta' sitwazzjoni legalment stabbilita, u fejn huwa relatat ma' wieħed mir-riskji espressament elenkati fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1985, Hoeckx, 249/83, Ġabra p. 973, punti 12 sa 14, u Scrivner u Cole, 122/84, Ġabra p. 1027, punti 19 sa 21; tal-20 ta' Ġunju 1991, Newton, C-356/89, Ġabra p. I-3017, u tas-16 ta' Lulju 1992, Hughes, C-78/91, Ġabra p. I-4839, punt 15).

39 Huwa nnotat li numru dejjem ikbar ta' persuni fl-Unjoni jsibu ruħhom, wara li jitilfu ftit ftit l-awtonomija tagħhom, ħafna drabi minħabba l-età avvanzata tagħhom, f'sitwazzjoni li jiddependu fuq ħaddieħor biex iwettqu l-movimenti essenzjali tal-ħajja ta' kuljum.

40 Kien biss minn żmien relattivament reċenti li r-riskju ta' tali dipendenza (iktar 'il quddiem, ir-"riskju ta' dipendenza") beda jiġi kopert b'mod speċifiku mis-sistemi tas-sigurtà soċjali ta' diversi Stati Membri. Dan ir-riskju ma jidhirx espressament fil-lista elenkata tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71, fost it-tipi ta' benefiċċji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

41 Kif jirriżulta mill-punt 38 ta' din is-sentenza, din il-lista hija eżawrjenti, b'tali mod li fergħa tas-sigurtà soċjali li ma hijiex imsemmija fiha ma tistax tiġi kklassifikata bħala tali, anki jekk tagħti lill-benefiċċjarji pożizzjoni legalment stabbilita li tagħti dritt għal benefiċċju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Hoeckx, iċċitata iktar 'il fuq, punt 12; tal-11 ta' Lulju 1996, Otte, C-25/95, Ġabra p. I-3745, punt 22, u Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20).

42 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Qorti tal-Ġustizzja, bl-applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 38 ta' din is-sentenza u billi kkunsidrat elementi li jikkostitwixxu benefiċċji ta' assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża, iddeċidiet, essenzjalment, fil-punti 22 sa 25 tas-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, li benefiċċji bħal dawk mogħtija fil-kuntest tas-sistema Ġermaniża ta' assigurazzjoni għad-dipendenza, filwaqt li għandhom l-karatteristiċi proprji tagħhom, għandhom jiġu kkunsidrati bħala "benefiċċji tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71.

43 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat b'mod partikolari li benefiċċji bħall-allowance ta' dipendenza Ġermaniża essenzjalment għandhom bħala għan li jikkompletaw il-benefiċċji tal-assigurazzjoni għall-mard, li magħha huma wkoll marbuta fuq il-pjan tal-organizzazzjoni, sabiex itejbu l-istat ta' saħħa u l-ħajja tal-persuni dipendenti (sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-allowance ta' dipendenza Ġermaniża, li hija ppreżentata bħala għajnuna finanzjarja li tippermetti li ttejjeb globalment il-livell ta' ħajja tal-persuni dipendenti, b'mod li tikkumpensa l-ispejjez sostnuti minħabba l-kundizzjoni li jinsabu fiha, għandha tiġi kkunsidrata bħala "benefiċċji fi flus" imsemmija, b'mod partikolari, fl-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 (ara s-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punti 35 u 36).

44 Din l-analiżi ġiet segwita f'kawżi oħra relatati mal-assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża (ara s-sentenzi tat-8 ta' Lulju 2004, Gaumain-Cerri u Barth, C-502/01 u C-31/02, Ġabra p. I-6483, punti 19 sa 23 u 25 sa 26, u tas-16 ta' Lulju 2009, von Chamier-Glisczinski, C-208/07, Ġabra p. I-6095, punt 40).

45 Bl-istess mod, f'dak li jirrigwarda ċerti benefiċċji ta' sigurtà soċjali li jaqgħu taħt skemi nazzjonali oħra minbarra dik ta' dipendenza Ġermaniża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li benefiċċji, konċessi b'mod oġġettiv, abbażi ta' sitwazzjoni legalment stabbilita, u li huma intiżi sabiex itejbu l-kundizzjoni ta' saħħa u tal-ħajja ta' persuni dipendenti, għandhom jiġu kkunsidrati bħala "benefiċċji tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi

tat-8 ta' Marzu 2001, Jauch, C-215/99, Ġabra p. I-1901, punt 28, tal-21 ta' Frar 2006, Hosse, C-286/03, Ġabra p. I-1771, punti 38 sa 44, u tat-18 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-299/05, Ġabra p. I-8695, punti 10, 61 u 70).

46 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat, f'dan ir-rigward, li ftit jimporta li l-benefiċċju inkwistjoni kellu l-għan li jikkompleta finanzjarjament, fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' dipendenza tal-persuna, pensjoni mogħtija għal raġuni oħra minbarra dik tal-mard (ara s-sentenza Jauch, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28); jew li l-għoti ta' dak il-benefiċċju ma huwiex neċessarjament marbut mal-ħlas ta' benefiċċju tal-assigurazzjoni għall-mard (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Hosse, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43). Huwa wkoll irrilevanti, f'dan ir-rigward, il-fatt li benefiċċju mogħti, kuntrarjament għall-benefiċċji inkwistjoni f'xi sentenzi ċċitati iktar 'il fuq f'dan il-qasam, ma għandhomx essenzjalment l-għan li jikkompletaw benefiċċji ta' assigurazzjoni għall-mard (ara, f'dan is-sens, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 70).

47 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, jekk fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet fir-Regolament Nru 1408/71 li jsemmu speċifikatament ir-riskju ta' dipendenza, il-Qorti tal-Ġustizzja assimilat ċerti benefiċċji li jirrigwardaw dan ir-riskju ma' "benefiċċji tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament, xorta jibqa' l-fatt li din dejjem irrikonoxxiet li benefiċċji li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza l-iktar l-iktar huma kumplimentari għal benefiċċji tal-mard "klassiċi" li jaqgħu, *strictu sensu*, fi ħdan l-imsemmija dispożizzjoni, (iktar 'il quddiem il-"benefiċċji tal-mard *strictu sensu*") u mhux neċessarjament jiffurmaw parti integrali minnhom.

48 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li, bid-differenza tal-benefiċċji tal-mard *strictu sensu*, benefiċċji li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza – li ġeneralment ikunu ta' portata twila – bħala regola, ma humiex ta' natura tali li jitħallsu fuq perijodu qasir. Barra minn hekk, kif jirriżulta b'mod partikolari miċ-ċirkustanzi li taw lok għall-ġurisprudenza msemmija fil-punti 45 u 46 ta' din is-sentenza, ma għandux jiġi eskluż li benefiċċji li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza, minkejja li għandhom

jiġu kkunsidrati bħala "benefiċċji tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a)Regolament Nru 1408/71, jistgħu jippreżentaw, b'mod partikolari minħabba l-modalitajiet ta' applikazzjoni tagħhom, karatteristiċi li, fil-fatt, iqarbuhom ukoll, sa ċertu punt, għall-fergħat tal-invalidità u tax-xjuħija msemmija taħt l-Artikolu 4(1)(b) u (c), mingħajr ma jistgħu jiġu strettament identifikati taħt waħda jew taħt l-oħra.

49 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tingħata r-risposta għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

*Fuq il-possibbiltà, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, taż-żamma tal-affiljazzjoni fl-assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata*

50 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punt 30 ta' din is-sentenza, il-Bundessozialgericht tikkunsidra li huwa biss id-dritt Ġermaniż li jippermetti, bħala regola, lil persuna f'sitwazzjoni bħal dik ta' J. da Silva Martins li żżomm l-affiljazzjoni f'assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata għall-perijodu li jibda mill-1 ta' Awwissu 2002, minkejja li l-affiljazzjoni obbligatorja tiegħu mal-fond Ġermaniż tal-assigurazzjoni għall-mard hija eskluża minn meta huwa ddikjara li telaq mill-Ġermanja.

51 Madankollu, il-qorti tar-rinviju xorta tidher li kkunsidrat li r-Regolament Nru 1408/71, minn naħa tiegħu, jipprekludi, tal-inqas *prima facie*, iż-żamma ta' affiljazzjoni ta' persuna f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali fl-assigurazzjoni għad-dipendenza taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata.

52 Għaldaqstant, fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk, kif tidher li qed tikkunsidra l-qorti nazzjonali, ir-regoli relatati mal-kunflitt ta' liġijiet previsti fl-Artikolu 15(2)

tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludux li persuna f'sitwazzjoni bħal dik ta' J. da Silva Martins iżżomm l-affiljazzjoni tagħha fl-assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata meta tali persuna, wara bidla fl-Istat ta' residenza, taqa' minn issa 'l quddiem, bħala regola, skont l-Artikolu 13(2)(f) tal-imsemmi regolament, taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali ta' dan l-Istat Membru ta' residenza ġdid (ara, fuq dan l-aħħar punt, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Laurin Effing, C-302/02, Ġabra p. I-553, punt 41).

53 F'dan ir-rigward, huwa veru li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71, li jiddeterminaw il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema impjegati jew li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fl-Unjoni huma intiżi b'mod partikolari sabiex il-persuni kkonċernati jkunu, bħala regola, suġġetti għall-iskema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss, b'mod li l-akkumulazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli u l-kumplikazzjonijiet li jirriżultaw minħabba f'hekk jiġu evitati (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 1986, Ten Holder, 302/84, Ġabra p. 1821, punti 19 u 20, u tal-14 ta' Ottubru 2010, Schwemmer, C-16/09, Ġabra p. I-9717, punt 40). Dan il-prinċipju jinsab stabbilit partikolarment fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2005, van Pommeren-Bourgondiën, C-227/03, Ġabra p. I-6101, punt 38, u tal-20 ta' Mejju 2008, Bosmann, C-352/06, Ġabra p. I-3827, punt 16).

54 L-imsemmi prinċipju ta' sistema tas-sigurtà soċjali waħda huwa wkoll espress fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1408/71. Skont l-ewwel inċiż ta' din id-dispożizzjoni, f'każ fejn l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' żewġ pajjiżi jew iktar tirriżulta f'akkumulu ta' affiljazzjoni f'skema ta' assigurazzjoni obbligatorja u fi skema waħda jew iktar voluntarja jew b'għażla kontinwata, il-persuna kkonċernata tkun suġġetta esklużivament għall-ewwel waħda.

55 Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi applikata għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

56 Fil-fatt, bis-saħħa tal-Artikolu 15(1) tal-imsemmi regolament, id-dispożizzjonijiet li huma elenkati fih, fosthom l-Artikolu 13, li jesprimi l-prinċipju espost fil-punt 53 ta' din is-sentenza, ma humiex applikabbli fil-qasam ta' assigurazzjoni volontarja jew b'għażla kontinwata, ħlief jekk, għal xi waħda mill-fergħat imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, fi Stat Membru teżisti biss skema ta' assigurazzjoni volontarja. Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 19 sa 23 ta' din is-sentenza, din l-aħħar riserva ma tidhirx rilevanti f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, peress li l-assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża, bħala regola ġenerali, hija skema ta' assigurazzjoni obbligatorja. Minn dan isegwi li, skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1408/71, l-imsemmi prinċipju ta' sistema ta' sigurtà soċjali waħda ma huwiex applikabbli għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

57 Barra minn hekk, moqri fid-dawl tat-tmien premessa tar-Regolament Nru 1408/71, l-Artikolu 15(2) tiegħu għandu jiġi interpretat bħala intiż sabiex jevita li individwu jkun, fir-rigward tal-istess riskju waħdieni, obbligat li jikkontribwixxi darbtejn għal żewġ skemi ta' sigurtà soċjali differenti, waħda obbligatorja u l-oħra b'għażla, bil-kumplikazzjonijiet kollha li jistgħu jirriżultaw. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni ma hijiex intenzjonata sabiex tapplika għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha l-kontribuzzjonijiet b'għażla kontinwata u obbligotorji inkwistjoni jirrigwardaw riskji li, anki jekk huma, bl-applikazzjoni tal-ġurisprudenza esposta fil-punti 42 u 46 ta' din is-sentenza, simili għall-finijiet tar-Regolament Nru 1408/71, xorta ma humiex, kif jirriżulta mill-punti 39, 40, 47 u 48 ta' din is-sentenza, identiċi, jiġifieri, rispettivament, ir-riskju ta' dipendenza u r-riskju ta' mard fis-sens strett tal-Artikolu 4(1)(a) tal-imsemmi regolament.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li r-Regolament Nru 1408/71, f'ċirkustanzi simili għal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jipprekludix l-affiljazzjoni b'għażla kontinwata fl-assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża.

59 Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 1408/71 ma jipprekludix illi persuna f'sitwazzjoni bħal dik ta' J. da Silva Martins tista', bħala regola, iżżomm l-affiljazzjoni b'għażla, skont id-dritt Ġermaniż, fl-assigurazzjoni għad-dipendenza Ġermaniża, anki jekk hija

wkoll affiljata b'mod obbligatorju, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(2)(f) tal-imsemmi regolament, fl-iskema tas-sigurtà soċjali Portugiża matul l-istess perijodu.

*Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikoli 27 u 28 tar-Regolament Nru 1408/71*

60 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza l-fatt li fil-Portugal, kuntrarjament għall-Ġermanja, ma teżistix skema ta' sigurtà soċjali distinta fir-rigward speċifikatament tar-riskju ta' dipendenza. Hija tistaqsi jekk, għalhekk, l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71 għandux jiġi interpretat bħala li japplika, minflok l-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għalkemm sempliċement fir-rigward tal-benefiċċji dwar ir-riskju ta' dipendenza, bid-differenza tal-benefiċċji tal-mard *strictu sensu*.

61 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li l-Artikolu 28 ta' dan ir-regolament jirrigwarda, b'mod partikolari, sitwazzjonijiet li fihom persuna li hija intitolata għal pensjoni taħt il-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iktar ma għandhiex dritt għal benefiċċji tal-mard taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija tirrisjedi.

62 Minn dan isegwi li l-qorti tar-rinviju tidher li qed tikkunsidra li, taħt il-leġiżlazzjoni Portugiża tas-sigurtà soċjali, persuni li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni bħal dik ta' J. da Silva Martins ma jistgħux jippretendu benefiċċji fi flus fir-rigward tar-riskju ta' dipendenza.

63 Kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 22 u 23 ta' din is-sentenza, l-ewwel nett ma għandux jiġi eskluż li s-sistema tas-sigurtà soċjali Portugiża, billi kuntrarjament

għas-sistema Ġermaniża, ma għandhiex skema distinta intiża biss għar-riskju ta' dipendenza, tistipula madankollu ċerti benefiċċji fi flus fir-rigward tar-riskju ta' dipendenza, bħal, b'mod partikolari, supplimenti ta' pensjoni mogħtija skont il-grad ta' dipendenza.

64 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għanda tivverifika, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza esposta fil-punti 42 sa 46 ta' din is-sentenza, is-suppożizzjoni illi fil-Portugal, ma hemm l-ebda benefiċċju tas-sigurtà soċjali li jirrigwarda r-riskju ta' dipendenza (ara, wkoll, b'analoġija, is-sentenza Jauch, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26).

65 Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-imsemmija ġurisprudenza li l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza huma, bla preġudizzju għall-kriterji stabbiliti minn din l-istess ġurisprudenza, simili għal "benefiċċji tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, għandu jiġi konkluż li l-Artikolu 28 tal-imsemmi regolament ma għandux japplika għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha l-persuna kkonċernata, li għandha pensjoni ta' rtirar taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza tagħha, għandha dritt għal benefiċċji tal-mard *strictu sensu* taħt din l-istess leġiżlazzjoni.

66 Fil-fatt, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1408/71, il-persuna intitolata għal pensjoni taħt il-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iktar, fosthom dik tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija tirrisjedi, u li għandha dritt għall-benefiċċji tal-mard taħt il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat, tirċievi dawn il-benefiċċji mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza u mħallsa minn din l-istituzzjoni bħallikieku l-persuna kkonċernata kienet intitolata għal pensjoni taħt il-leġiżlazzjoni ta' dan l-aħħar Stat Membru biss.

67 B'hekk, fis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija r-Repubblika Portugiża, wieħed mill-Istati debituri ta' pensjoni ta' rtirar ta' J. da Silva Martins, li għandha, bħala Stat Membru ta' residenza tiegħu, tiżgura l-ħlas tal-benefiċċji tal-mard *strictu sensu* (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, Nikula, C-50/05, Ġabra p. I-7029, punti 22 u 23).

68 Kif jirriżulta mill-punti 39 sa 46 ta' din is-sentenza, benefiċċji dwar ir-riskju ta' dipendenza huma simili għal "benefiċċji tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71. Minn dan isegwi li, meta ex ħaddiem migrant huwa intitolat għal pensjoni taħt il-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iktar, fosthom dik tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huwa jirrisjedi, huwa dan l-aħħar Stat li, jekk ikun il-każ, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1408/71, għandu jagħti benefiċċji fir-rigward tar-riskju ta' dipendenza.

69 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punti 40 sa 48 ta' din is-sentenza, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jirrigwardaw speċifikatament ir-riskju ta' dipendenza fir-Regolament Nru 1408/71, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, hemm lok li l-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament jiġi interpretat fid-dawl tal-għanijiet tar-Regolament Nru 1408/71, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-partikolaritajiet tal-benefiċċji li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza meta mqabbla ma' benefiċċji ta' mard *strictu sensu* (ara b'mod partikolari, b'analoġija, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 1979, Rossi, 100/78, Ġabra p. 831, punt 12, u tal-14 ta' Diċembru 1989, Dammer, C-168/88, Ġabra p. 4553, punt 20).

70 F'dan ir-rigward, għandu jiftakkar li dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71, adottati skont l-Artikolu 48 TFUE, għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-għan ta' dan l-artikolu, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' liberta' ta' moviment tal-ħaddiema migranti bl-iktar mod sħiħ possibbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 1978, Belbouab, 10/78, Ġabra p. 1915, punt 5; Jauch, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20; Hosse, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24, u tal-11 ta' Settembru 2007, Hendrix, C-287/05, Ġabra p. I-6909, punt 52).

71 L-Artikolu 48 TFUE jipprevedi koordinazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, u mhux l-armonizzazzjoni tagħhom, (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 1988, Borowitz, 21/87, Ġabra p. 3715, punt 23), id-differenzi ta' mertu u ta' proċedura bejn is-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' kull Stat Membru u, għaldaqstant, fid-drittijiet tal-persuni assigurati magħhom, ma humiex milquta minn din id-dispożizzjoni u kull Stat Membru jibqa' kompetenti sabiex jiddetermina fil-leġiżlazzjoni tiegħu, b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ta' għoti tal-benefiċċji ta' sistema tas-sigurtà soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza von Chamier-Glisczinski, iċċitata iktar 'il fuq, punt 84 u tal-14 ta' Ottubru 2010, van Delft *et*, C-345/09, Ġabra p. I-9879, punt 99).

72 F'dan il-kuntest, id-dritt primarju tal-Unjoni ma jistax jiggarantixxi lil persuna assigurata li tibdil ta' residenza għal Stat Membru ieħor huwa newtrali fir-rigward tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari fuq il-pjan tal-benefiċċji tal-mard. B'hekk, l-applikazzjoni, jekk ikun il-każ, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71, wara bidla fl-Istat Membru ta' residenza, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li hija inqas favorevoli fuq il-pjan ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali jista', bħala regola, ikun konformi mar-rekwiżiti tad-dritt primarju tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-persuni (ara b'mod partikolari, b'analoġija, is-sentenza von Chamier-Glisczinski, iċċitata iktar 'il fuq, punti 85 u 87).

73 Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita ferm jirriżulta li tali konformità ma teżistix ħlief sabiex, b'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tpoġġix fi żvantaġġ lill-ħaddiem ikkonċernat meta mqabbel ma' dawk li jeżerċitaw l-attivitajiet kollha tagħhom fl-Istat Membru fejn hija tapplika u li ma twassalx biss għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mingħajr ebda ritorn (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2002, Hervein *et*, C-393/99 u C-394/99, Ġabra p. I-2829, punt 51; tad-9 ta' Marzu 2006, Piatkowski, C-493/04, Ġabra p. I-2369, punt 34; tal-1 ta' Ottubru 2009, Leyman, C-3/08, Ġabra p. I-9085, punt 45, u van Delft *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 101).

74 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'diversi drabi wara xulxin, l-għan tal-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE ma kienx jintlaħaq jekk, minħabba l-eżerċizzju tad-dritt

tagħhom għall-moviment liberu, il-ħaddiema migranti kellhom jitilfu l-vantaġġi tas-sigurtà soċjali li tassiguralhom il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, b'mod partikolari meta dawn il-vantaġġi jirrappreżentaw il-korrispettiv tal-kontribuzzjonijiet li huma kienu ħallsu (ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 1975, Petroni, 24/75, Ġabra p. 1149, punt 13; tal-25 ta' Frar 1986, Spruyt, 284/84, Ġabra p. 685, punt 19; tas-27 ta' Frar 1997, Bastos Moriana *et*, C-59/95, Ġabra p. I-1071, punt 17; Jauch, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20, u Bosmann, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

75 Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam ta' koordinazzjoni tal-liġijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali, fid-dawl partikolarment tal-għanijiet li fuqhom hija bbażata, ma tistax, ħlief f'każ ta' eċċezzjoni espliċita skont dawn l-għanijiet, tiġi applikata b'mod li ċċaħħad il-ħaddiem migrant jew lill-aventi kawża tiegħu mill-benefiċċji mogħtija skont il-leġiżlazzjoni biss ta' Stat Membru (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Lulju 1967, Colditz, 9/67, Ġabra p. 297, 304; Rossi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14, u Schwemmer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58, u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li l-Artikoli 45 TFUE sa 48 TFUE, kif ukoll ir-Regolament Nru 1408/71, adottat għall-implementazzjoni tagħhom, għandhom b'mod partikolari bħala għan li jiġi evitat illi ħaddiem li, billi juża d-dritt tiegħu ta' moviment liberu, kellu impjiegi f'iktar minn Stat wieħed, jiġi, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, żvantaġġjat meta mqabbel ma' wieħed li jkun għamel il-karriera kollha tiegħu fi Stat Membru wieħed (ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Mejju 1977, Jansen, 104/76, Ġabra p. 829, punt 12; tas-7 ta' Marzu 1991, Masgio, C-10/90, Ġabra p. I-1119, punti 17, 19 u 23; tat-22 ta' Novembru 1995, Vougioukas, C-443/93, Ġabra p. I-4033, punti 41 u 42; tas-17 ta' Settembru 1997, Iurlaro, C-322/95, Ġabra p. I-4881, punti 23 u 30, u Leyman, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

77 Meta, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-uniku dritt nazzjonali jippermetti, mingħajr projbizzjoni min-naħa tar-Regolament Nru 1408/71, l-affiljazzjoni b'għażla kontinwata ta' persuna f'sitwazzjoni bħal dik ta' J. da Silva Martins fi skema distinta ta' sigurtà soċjali li tirrigwarda r-riskju ta' dipendenza, u li din il-persuna tkun wettqet il-perijodu minimu ta' kontribuzzjonijiet meħtieġ sabiex tkun tista' tuża' s-servizz ta' benefiċċji f'każ ta' sitwazzjoni ta' dipendenza, il-fatt li l-ħlasijiet

tal-benefiċċji kollha marbuta ma' din l-iskema jiġu sospożi awtomatikament f'każ ta' bidla ta' residenza tal-persuna kkonċernata lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni huwa tali li jwassal, kif irrilevat essenzjalment il-qorti tar-rinviju, u kuntrarjament għall-argumenti tal-Gvern Ġermaniż u dak tar-Renju Unit, għal kontribuzzjonijiet għal fondi mingħajr ebda ritorn, tallinqas f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet imħallsa għal tali affiljazzjoni kontinwata wara t-trasferiment tar-residenza inkwistjoni.

78 Barra minn hekk, l-għan segwit mill-Artikolu 48 TFUE, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 70, 71 u 74 ta' din is-sentenza, ftit ikun koerenti jekk ex ħaddiem migrant f'pożizzjoni bħal dik ta' J da Silva Martins, minħabba r-raġuni biss li huwa għandu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1408/71, dritt għal benefiċċji tal-mard *strictu sensu* taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza tiegħu, ikollu jitlef il-vantaġġi kollha li tirrapreżenta l-kontroparti tal-kontribuzzjonijiet li huwa jkun ħallas fl-ex Stat Membru ta' impjieg taħt skema awtonoma ta' assigurazzjoni li ma tirrigwardax ir-riskju ta' mard fis-sens strett tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, imma dak ta' dipendenza. L-istess japplika fil-każ imsemmi fil-punt 64 ta' din is-sentenza, li fih hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika r-realtà tal-fatti, fejn fl-imsemmi Stat Membru ta' residenza ma jeżistux benefiċċji fi flus tas-sigurtà soċjali li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza.

79 Barra minn hekk, f'tali sitwazzjoni, ex ħaddiem migrant, li reġa' mar jirrisjedi fl-Istat Membru tal-oriġini tiegħu fi tmiem il-ħajja professjonali tiegħu, ikun żvantaġġjat meta mqabbel ma' dawk, intitolati għal pensjoni ta' rtirar fi Stat Membru wieħed, li jkunu wettqu l-karriera professjonali tagħhom kollha fi Stat Membru wieħed qabel ma ttrasferixxew ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor waqt l-irtirar tagħhom.

80 Fil-fatt, għal din l-aħħar kategorija ta' persuni, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1408/71, b'mod partikolari l-Artikolu 28(1)(a) tiegħu, moqrija

flimkien mal-ġurisprudenza esposta fil-punti 42 sa 46 ta' din is-sentenza, għandhom bħala konsegwenza li eventwali benefiċċji fi flus li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza mogħtija mill-ex Stat Membru ta' impjieg, li huma simili għal benefiċċji ta' mard *strictu sensu*, bħala regola, għandhom jitħallsu barra l-Istat kompetenti (ara b'mod partikolari, b'analoġija, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Molenaar, punt 43, u Jauch, punti 10, 11 u 35).

81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl b'mod partikolari tal-ġurisprudenza esposta fil-punti 73 sa 75 ta' din is-sentenza, f'dak li jirrigwarda l-benefiċċji fi flus li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li dritt għal benefiċċji ta' mard *strictu sensu* fl-Istat Membru ta' residenza ma jeskludix dritt preċedentement applikabbli a karigu ta' Stat Membru ieħor taħt il-leġiżlazzjoni unika tiegħu li tirrigwarda r-riskju ta' dipendenza, abbażi biss tal-perijodi ta' assigurazzjoni mwettqa taħt din il-leġiżlazzjoni biss (ara b'mod partikolari, b'analoġija s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Dammer, punti 21 sa 23, u l-ġurisprudenza ċċitata, u Bastos Moriana *et*, punt 17).

82 Madankollu, fir-rigward b'mod partikolari tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1408/71, tali interpretazzjoni f'dan il-każ għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li, wara l-verifiki magħmula mill-qorti tar-rinviju skont il-punti 63 u 64 ta' din is-sentenza, din tikkonludi dwar l-eżistenza, fil-Portugal, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' benefiċċji fi flus li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza previsti taħt il-leġiżlazzjoni Portugiża.

83 F'tali ċirkustanzi, l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li meta, fi Stat Membru ta' residenza, benefiċċji fi flus li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza huma previsti biss f'ammont inqas minn dak tal-benefiċċji li jirrigwardaw dan ir-riskju mill-Istat Membru l-ieħor debitur tal-pensjoni, il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament Nru 1408/71 jirrikjedu illi persuna f'sitwazzjoni bħal dik ta' J. da Silva Martins għandha dritt tirċievi mingħand l-istituzzjoni kompetenti ta' dan

l-aħħar Stat Membru, suppliment ta' benefiċċji li jammonta għad-differenza bejn iż-żewġ ammonti (ara, b'mod partikolari, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 1980, Laterza, 733/79, Ġabra p. 1915, punt 9; tad-9 ta' Lulju 1980, Gravina, 807/79, Ġabra p. 2205, punt 8; tal-24 ta' Novembru 1983, D'Amario, 320/82, Ġabra p. 3811, punt 7; Dammer, iċċitata iktar 'il fuq, punti 23 u 24; tal-11 ta' Ġunju 1991, Athanasopoulos *et*, C-251/89, Ġabra p. I-2797, punt 17, u Bastos Moriana *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).

84 Tali soluzzjoni ma għandhiex tiġi eskluża minħabba l-fatt, espost mill-Gvern Ġermaniż, illi skont l-Artikolu 34 tas-SGB XI, id-dritt ta' persuna f'sitwazzjoni ta' dipendenza, taħt l-assigurazzjoni b'għażla kontinwata stipulata fl-Artikolu 26 tas-SGB XI, għall-allowance ta' dipendenza inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiġi sospiża, bħala regola, meta l-persuna assigurata tinsab fl-esteru.

85 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddecidiet, essenzjalment, li l-kontribuzzjoni fi skema ta' assigurazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali tagħti, bħala regola, lill-ħaddiem assigurat, dritt sabiex jirċievi l-benefiċċji korrispondenti meta jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat kompetenti, bl-esklużjoni, madankollu, ta' dawk il-kundizzjonijiet li ma humiex konformi mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43).

86 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza esposta fil-punti 73 sa 76 ta' din is-sentenza, l-għan segwit mill-Artikolu 48 TFUE ma jintlaħaqx jekk, minbarra l-każijiet espressament stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni skont l-għanijiet tat-Trattat FUE, il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tissuġġetta l-għoti tal-vantaġġi tas-sigurtà soċjali dovuti bis-saħħa ta' din il-leġiżlazzjoni għall-kundizzjoni li l-ħaddiem jirrisjedi fit-territorju tal-Istat

Membru (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Athanasopoulos *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20).

87 Jekk huwa veru, kif isostnu l-Gvern Ġermaniż u dak tar-Renju Unit, li l-għoti fl-istess ħin ta' benefiċċji ta' Stati Membri differenti jista', fil-każ ta' benefiċċji fi flus li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza, jagħti lok għal diffikultajiet prattiċi li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, għadhom ma ġewx meħuda inkunsiderazzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali, din iċ-ċirkustanza ma tistax, waħidha, tiġġustifika interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 li ex ħaddiem migrant, affiljat biss permezz tal-leġiżlazzjoni ta' ex Stat Membru ta' impjieg f'assigurazzjoni b'għażla kontinwata li tirrigwarda r-riskju ta' dipendenza, ikun kostrett jikkontribwixxi f'fondi mingħajr ebda ritorn bis-saħħa ta' din l-assigurazzjoni u b'hekk jiġi ttrattat b'mod iktar sfavorevoli minn dak li jkun għamel il-karriera kollha tiegħu fi Stat Membru wieħed (ara, b'analoġija, is-sentenza D'Amario, iċċitata iktar 'il fuq, punt 8).

88 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li, l-Artikoli 15 u 27 tar-Regolament Nru 1408/71 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux illi persuna f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirċievi pensjoni ta' rtirar mill-fond tal-pensjonijiet kemm tal-Istat Membru tal-oriġini tagħha kif ukoll minn tal-Istat li fih hija qattgħet il-parti l-kbira tal-ħajja professjonali tagħha, u li tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha minn dan l-aħħar Stat għall-Istat Membru tal-oriġini, tista', bis-saħħa ta' affiljazzjoni b'għażla kontinwata fi skema awtonoma ta' assigurazzjoni għad-dipendenza fl-Istat Membru li fih hija qattgħet il-parti l-kbira tal-ħajja professjonali tagħha, tkompli tibbenefika minn benefiċċju fi flus li jiġi minn din l-affiljazzjoni, b'mod partikolari fil-każ fejn fl-Istat Membru ta' residenza ma jeżistux benefiċċji fi flus fir-rigward tar-riskju speċifiku tad-dipendenza, ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju. Jekk, kuntrarjament għal din l-ipoteżi, benefiċċji fi flus li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza huma previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza, iżda biss f'ammont inqas minn dak tal-benefiċċji li jirrigwardaw dan ir-riskju fl-Istat Membru debitur tal-pensjoni, l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li tali persuna għandha dritt titħallas mingħand l-istituzzjoni kompetenti ta' dan l-aħħar Stat suppliment ta' benefiċċji ugwali għad-differenza bejn iż-żewġ ammonti.

## Fuq l-ispejjeż

89 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 15 u 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendata u implementata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru1386/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Ġunju 2001, għandhom jiġu interpretati illi ma jipprekludux illi persuna f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirċievi pensjoni ta' rtirar kemm mill-fond tal-pensjonijiet tal-Istat Membru tal-oriġini tagħha kif ukoll minn dak li fih hija qattgħet il-parti l-kbira tal-ħajja professjonali tagħha, u li tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha minn dan l-aħħar Stat għall-Istat Membru tal-oriġini, tista', bis-saħħa ta' affiljazzjoni b'għażla kontinwata fi skema awtonoma ta' assigurazzjoni għad-dipendenza fl-Istat Membru li fih hija qattgħet il-parti l-kbira tal-ħajja professjonali tagħha, tkompli tibbenefika minn benefiċċju fi flus li jiġi minn din l-affiljazzjoni, b'mod partikolari fil-każ fejn fl-Istat Membru ta' residenza ma jeżistux benefiċċji fi flus fir-rigward tar-riskju speċifiku tad-dipendenza, ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.**

**Jekk, kuntrarjament għal din l-ipoteżi, benefiċċji fi flus li jirrigwardaw ir-riskju ta' dipendenza huma previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza, iżda biss f'ammont inqas minn dak tal-benefiċċji li jirrigwardaw dan ir-riskju**

**fl-Istat Membru debitur tal-pensjoni, l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni tiegħu emendata u implementata bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament Nru 1386/2001, għandu jiġi interpretat fis-sens li tali persuna għandha dritt titħallas mingħand l-istituzzjoni kompetenti ta' dan l-aħħar Stat suppliment ta' benefiċċji ugwali għad-differenza bejn iż-żewġ ammonti.**

Firem